1

# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 5 ta' Mejju, 2025

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 391/2023 ISB**

**Carmel sive Charles Attard (ID 377463M)**

**Vs**

**L- Avukat tal-Istat u**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Carmel sive Charles Attard**, tat-28 ta' Lulju 2023, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex:

1. *Tiddikkjara illi t-trapass taz-zmien li l-intimati qieghdin jiehdu dawn il-proceduri fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Carmel sive Charles Attard', u cioe` trapass ta' 17-il sena, huwa wiehed li qieghed imur kontra l-principju ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli sancit fl- Artikolu 6(1)*

*tal- Konvenzjoni Ewropea kif ukoll fl- Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2. *Tiddikjara illi l-esponent sofra lezjoni tad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possediment tieghu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll huwa protett fl-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
3. *Tannulla, u tirrevoka l-ordni tal-iffrizzar mahrug fil-konfront tal-esponent konsegwenza tal-proceduri kriminali istitwiti kontra tieghu;*
4. *Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti;*
5. *Tordna l-intimati jew minn minnhom jhallsu d-danni hekk likwidati lill-esponent;*
6. *Taghti dawk id-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-esponent kif protett mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni inkluz l-ghoti ta' danni materjali u dawk mhux pekunjarji.*

U dan wara illi ppermetta:

*Illi l-esponent permezz ta' citazzjoni li giet pprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar il-25 ta' Settembru 2006 gie akkuzat bir-reat ta' hasil ta' flus ai termini tal-Artiklu 3 tal-Kap 373 u bir-reat ta' frodi ai termini tal-artiklu 308 u 309 tal-Kap 9, liema akkuzi kienu rizultaw minn investigazzjonijiet li nbdew fl-1999.*

*Illi l-proceduri penali bdew jinstemghu mill-Onorevoli Imhallef Lawrence Quintano u nhar it-3 ta' Awwissu 2010 gew assenjati lill-Onorevoli Imhallef Miriam Hayman peress illi l-Imhallef Quintano li dak iz-zmien kien Magistrat kien gie elevat ghal Imhallef.*

*Illi l-esponent kien akkuzat flimkien ma' tlett persuni ohra u cioe` Maria Victoria Abela, Charles Vella Bonavita u Alfred Calamatta u eventwalment fis-17 ta' Mejju 2012 l-Avukat Generali talab is-separazzjoni ta' gudizzju fil-konfront tal-akkuzat Calamatta u Vella Bonavita u bghat fil-proceduri taghhom kontro-ordni sabiex il-kaz taghhom jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.*

*Illi l-Avukat Generali kien talab illi fl-istadju opportun u cioe meta l-proceduri fil-konfront taghhom jintemmu, Vella Bonavita u Calamatta jixhdu fil-konfront tal-esponent.*

*Illi l-proceduri kontra Vella Bonavita intemmu fis-27 ta' Novembru 2012 filwaqt illi l-proceduri fil-konfront ta' Calamatta intemmu nhar it-18 ta' April 2018.*

*Illi nhar il-11 ta' Gunju 2015 l-Onorevoli Imhallef Miriam Hayman, dak iz-zmien Magistrat, giet elevata ghal Imhallef u l-kawza giet assenjata lill-Onorevoli Imhallef Neville Camilleri li dak iz-zmien kien Magistrat.*

*Illi nhar l-1 ta' Marzu 2017, fid-dawl tal-fatt li hdax (11)-il sena wara li l-esponent tressaq il-prosekuzzjoni kienet ghada m'ghalqitx il-provi taghha, l-esponent intavola protest gudizzarju kontra l-Avukat Generali, il-Kummissarju tal-Pulizija u d-Direttur tal-Qrati Kriminali u Tribunali.*

*Illi nhar it-18 t'Ottubru 2018 inghata digriet mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ppreseduta mill-Onorevoli Imhallef Neville Camillieri, li dak iz-zmien kien Magistrat, fejn astjena milli jippresedi fil-proveduri li kienu ghadhom pendenti kontra l-esponent minhabba l-fatt li kien hu li ddecieda l-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulzijia vs Alfred Calamatta', fejn l-istess Alfred Calamatta kien gie ddikjarat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.*

*Illi sussegwentament il-kawza giet assenjata lill-Onorevoli Mhallef Francesco Depsaquale li pero wkoll astjena milli jippresjedi fuq il-kawza tal-esponent.*

*Illi prezentament il-proceduri jinsabu quddiem il-Magistrat Dr Victor Axiaq u konjizzjoni ta' dan l-esponent ghandu biss ghaliex rikors illi giet intavolat ghan-nom tieghu gie dekretat mill-istess Magistrat.*

*Illi minn dakinhar sal-gurnata tal-lum, l-esponent ghadu ma giex mgharraf meta ser tissokta l-kawza tieghu u jinsab totalment fl-ghama.*

*Illi nhar id-19 ta' Jannar 2007, il-Qorti harget ordni ta' frizar tal-assi tal-esponent skont l-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ghadu milqut biha sal-lum il-gurnata u bil-konsegwenzi li din iggib maghha.*

*Illi dak iz-zmien l-imputat ma setax jopponi ghat-talba maghmula mill-prosekuzzjoni ghal hruġ ta' Ordni ta' Iffriżar u l-Qorti ma kellhiex is-setgha legali li tichad din it-talba lilha maghmulha;*

*Illi kien biss permezz tal-artikolu 3 tal-Att VII tal-2010 tal-Liġijiet ta' Malta li gew introdotti s-sub-inciz (5) fl-artiklu 23A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex b'hekk ngħata l-opportunita' lill-imputat li jopponi talba għal ħruġ ta' tali Ordni;*

*Illi pero' l-imsemmi Att VII tas-sena 2010, ma offriex l-opportunita' lil persuni bħar-rikorrent odjern, sabiex f'perjodu perentorju stabbilit mill-istess Att, huwa jkun jista' jagħmel talba skont is-sub-inċiż (5) tal-Artikolu 23A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif emendat fl-istess Att;*

*Illi sbatax (17)-il sena wara li nhargu l-akkuzi, l-esponent ghadu ma inghatax l-opportunita li jniedi d-difiza tieghu u dan unikament minhabba d-dewmien li bih imxew dawn il-proceduri.*

*Illi l-fatt li dawn il-proceduri ghadhom pendenti jgib mieghu diffikultajiet kbar ghal-esponent kemm mil-lat personali u kif ukoll mil-lat ta' xoghol.*

*Illi l-esponent ghandu kull interess li l-ordni tal-iffrizar ma jibqax iktar fis-sehh anke ghaliex apparti l-konsegwenzi drastici li jgib mieghu, qatt ma ngabet xi prova illi huwa ghamel xi qliegh minn dan l-allegat reat lilu addebitat.*

*Illi l-esponent ghandu kull interess illi dawn il-proceduri jigu mitmuma u d-dewmien li gie kkawzat bl-ebda mod ma jista jigi attribwit lilu.*

*Illi llum, sewwa sew erba' snin un nofs (4.5) wara li l-proceduri gew differiti sine die, ir-rikorrent ghandu fi stat ta' limbu u li sija minhabba d-danni li qed isofri ir-rikorrent u kif ukoll ghat-telqa da parti tal-qorti u l-pulizija, ir-rikorrent jirretjeni li huwa ma jistghax jithalla f'din is-sitwazzjoni bi procedure li ghadhom pendenti u mhux konkluzi.*

*Illi ghar-ragunijiet premessi, tul il-perjodu ta' dawn sbatax (17)-il sena d-dritt tal-esponent ghas-smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, sancit fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali hekk kif applikabbli bhala parti fil-Ligi Maltija bis-sahha tal-Kap. 319, kif ukoll fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, gie lez.*

*Illi nel frattemp u cioe` tul il-perjodu ta' kwazi sbatax (17)-il sena li matulhom l-esponent kien u ghadu milqut b'ordni ta' ffrizar, gie lez ukoll id-dritt tal-esponent ghat-tgawdija pacifika tal-possediment tieghu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll huwa protett fl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi inoltre r-rikorrent sofra ukoll lezjoni tad-dritt tal-Artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-artiklu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artiklu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dana peress illi l-ordni ta; ffrizar qieghed jinfliggi fuqu piena konsegwenenzjali mill-ehrex minghajr ma huwa hati li kkommetta reat.*

Rat id-digriet tagħha tat-13 ta' Awwissu 2023 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-27 ta' Settembru 2023 fid-9:30a.m.

Rat ir-**risposta** tal-intimati l-**Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** tad-29 ta' Awwissu 2023 (fol 8) li permezz tagħha eċċeppew:

1. *Illi in linea preliminari, l-Avukat Ġenerali ġie imħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri peress li l-preżenza tal-Avukat tal-Istat għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa suffiċjenti. Tassew ladarba r-rikorrent qiegħed jilmenta minn allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, allura skont ġurisprudenza paċifika, l-uniku leġittimu kontradittur għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa l-Avukat tal-Istat. Konsegwentement, l-esponent Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi in linea preliminari u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-azzjoni odjerna hija intempestiva peress li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali a disposizzjoni tiegħu, iżda huwa naqas milli jagħmel użu minnhom. Għalhekk l-esponenti umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha taħt l-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-proviso tal-**artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

3. *Illi in linea preliminari wkoll u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċepixxu n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta peress li l-lanjanza ma tirrigwardax teħid forzus tal-proprjeta' tar-rikorrent. Dan l-Artikolu ma japplikax u dan peress li sabiex japplika dan l-Artikolu, irid ikun hemm teħid totali mingħajr kumpens. F'każ ta' ffriżar u qbid ta' assi hemm biss kontroll ta' użu ta' proprjeta` mhux teħid. Illi anke jekk għal grazzja tal-argument, din l-Onorabbli kellha tiddeċiedi li dan l-Artikolu huwa applikabbli, xorta waħda ma hemmx ksur ta' dan l-Artikolu u dan għar-raġunijiet kollha spjegati f'din ir-risposta;*

4. *Illi l-esponenti jeċepixxu l-intempestività ta' dawn il-proċeduri stante li l-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadhom pendenti;*

5. *Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti;*

6. *Illi bla ħsara għas-suespost, sa fejn qiegħda tiġi allegata vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jeċepixxu illi dan l-artikolu Konvenzjonali jipprovdi li jista' jkun hemm privazzjoni jew kontroll ta' użu tad-dritt għat-tgawdija tal-possediment meta dan ikun fl-interess pubbliku. Ċertament li twaqqaf reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ huwa fl-interess pubbliku. Skond il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xieraq, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. Din il-miżura hija għalhekk għal kollox neċessarja għaliex ir-reati li bihom ir-rikorrent huwa mixli u ċioe' dwar traffikar ta' droga u reati relatati huma reati serji. Tali miżura hija leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurta' pubblika u dan sabiex jiġi evitat jew jitwaqqaf id-diżordni jew egħmil kriminali u jiġi assigurat li flus li ġejjin minn reati ma jintużawx għal benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati;*

7. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-esponenti ifakkru li r-rikorrent ġie akkużat b'reat serju ta' ħasil tal-flus u reat ta' frodi. L-Ordni ta` iffriżar u qbid tal-assi hi miżura <u>proviżorja</u> ta` kontroll ta` proprjeta` sabiex tiżgura li proprjeta` li ġiet akkwistata b`attivita` illeċita li tkun twettqet*

*b`detriment għall-komunita`, f`kaz ta` sejbin ta` ħtija tkun tista' tiġi konfiskata. L-iffrizar tal-assi jsir fl-interess ġenerali sabiex min jagħmel il-ġid minn reat kriminali ma jieħux benefiċċju minn tali attivita` illeċita. L-Ordni ta' ffriżar u qbid tibqa' fis-seħħ sakemm ikun hemm deċizjoni ikkunisdrata bħala res judicata;*

8. *Illi bla ħsara għas-suespost, u b'żieda ma dak sueċċepit, ordni ta' ffriżar hi għodda indispensabbli tal-Prosekuzzjoni li sservi żewġ (2) għanijiet. <u>L-ewwel għan</u> huwa li tiżgura li fil-mument li tinħareġ u cioe' meta persuna titressaq akkuzata b'reati serji, l-assi kollha tal-persuna milquta jkunu iffrizati u ma jkun jista' jsir ebda trasferiment tagħhom. L-iskop ta' dan huwa manifest u ċar; kjarament hemm ħtieġa li meta persuna tiġi mixlija b'reat serju, hemm bżonn li tittieħed miżura kawtelatorja sabiex jiġi żgurat li r-rikavat ta' dak ir-reat ma jkunx jista' jinħeba, jitberbaq jew b'xi mod jew ieħor ma jkunx aktar jista' jiġi rintraċċat. Din il-miżura hi neċessarja, imqar biex jiġi żgurat li jekk dik il-persuna tiġi misjuba ħatja, hi ma tkunx tista' xorta waħda tgawdi l-frott tal-attivita' illegali li tkun wettqet.*

   *Dwar dan il-punt, referenza ssir għas-sentenza ta' **<u>Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali</u>**[1] fejn intqal:*

   *"Illi, fil-każ preżenti, l-interess ġenerali f'Ordni ta' Iffriżar maħruġ taħt l-artikolu 22A tal-Kap 101 joħroġ mir-regola ġenerali li, fejn hemm is-suspett li twettaq reat, it-teħid ta' miżuri konservattivi maħsuba biex, safejn huwa possibbli, ma jitħalliex li ġid jew patrimonju li jkun il-frott ta' xi attività kriminali jisfaxxa fix-xejn jew jinħeba, huwa dejjem fl-interess tas-soċjetà in ġenerali. Għalhekk, Ordni bħal dan jissarraf f'miżura proċedurali kawtelatorja, temporanja u meħtieġa, sakemm jintemmu l-proċeduri kriminali li taħthom ikun ingħata dak l-Ordni. Ordni bħal dak jista' jixxiebah ma' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bħalma wieħed isib fil-qafas ta' proċediment ċivili;"*

   *Illi <u>t-tieni għan</u> ta' ordni ta' ffriżar huwa sabiex jiġi żgurat li fl-eventwalità li tinstab ħtija, ikun jista' jiġi żgurat l-enfurzar tas-sentenza mogħtija. Di fatti, il-liġi domestika stess espliċitament tipprovdi għal dan il-kunċett, magħruf aħjar bħala value confiscation, fl-Artikolu 23B(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fl-Artikolu 3(5)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li:*

   *'Meta r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun tberbaq jew għal xi raġuni oħra li tkun dak ir-rikavat ma jkunx jista' jiġi identifikat u konfiskat jew tiġi ordnata l-konfiska ta' proprjetà bħal dik li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, il-qorti għandha twaħħal lill-persuna li tinsab ħatja jew lill-korp magħqud, jew lill-persuna li tinsab ħatja u lill-korp magħqud solidalment, skont il-każ, biex tħallas multa li tkun ekwivalenti għall-ammont tar-rikavat li jkun ġej*

[1] Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 22 ta' Ottubru, 2019.

*mir-reat. Dik il-multa tkun tista' tinġabar bħala dejn ċivili u għal dan l-għan is-sentenza tal-qorti għandha tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti tal-Kodiċi ta'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.'*

*Għalhekk, anke kieku, għall-grazzja tal-argument biss, ir-rikorrent juri li għandu proprjetà preżentement milquta minn ordni ta' ffriżar li kienet akkwistata b'mod leġittimu, din xorta waħda tibqa' soġġetta għall-konfiska peress li tkun tista' sservi biex titħallas multa mposta f'każ ta' sejbien ta' ħtija.*

9. *Illi dan kollu huwa rilevanti wkoll in kwantu għall-allegat ksur tal-* ***Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali****. Huwa paċifiku li l-interferenza tal-Istat fuq l-użu tal-proprjetà tista' titqies bħala waħda permessibbli jekk:*

   a. *Il-miżura mittieħda mill-Istat tkun saret taħt qafas legali;*

   b. *L-iskop tal-miżura kien wieħed għal għan leġittimu u cioe' l-protezzjoni tas-socjeta' ;*

   c. *Il-miżura meħuda żżomm bilanċ ġust u proporzjonat tenut kont tal-ħsara li l-attivita' kriminali inkwistjoni tagħmel lis-socjeta', l-interess ġenerali għandu jipprevali fuq dak tar-rikorrent li jiddisponi mill-assi tiegħu.*

10. *Illi bla ħsara għas-suespost, fil-każ odjern ma hemm ebda dubju li l-ordnijiet ta' ffriżar inħarġu taħt qafas legali u li huma fl-interess ġenerali ossia, il-ġlieda kontra reati ta' frodi u reati ta' ħasil ta' flus. In kwantu għall-proporzjonalità, ir-rikorrent għandu diversi rimedji għad-dispożizzjoni tiegħu. Fis-sentenza ta'* ***Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali***[2] *surreferita, din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta osservat:*

*"Illi jrid jingħad li l-artikolu 22A tal-Ordinanza jagħti lill-parti milquta minn Ordni ta' sekwestru jew iffriżar tal-ġid tiegħu rimedji li bihom tista' titlob lil qorti biex tħalliha tittrasferixxi ġid mobbli jew immobbli maqbud b'ordni bħal dak. Dak ir-rimedju jgħodd ukoll meta l-persuna tkun għadha għaddejja minn proċeduri kriminali u ma tkunx għadha ngħatat sentenza dwar il-ħtija tax-xiljiet li jkunu sarulha. Minħabba f'hekk, jidher li din il-possibilità toħloq l-element ta' proporzjonalità bejn l-interessi tal-ġustizzja u dak pubbliku in ġenerali u l-interessi tal-persuna mixlija li ħwejjiġha jkunu l-oġġett ta' ordni bħal dak."*

*Infatti, fil-każ ta' Angelo Zahra, il-Qorti ma sabitx li l-Ordni ta' Iffriżar iġġib ksur tal-jedd tar-rikorrenti kif imħares fl-Ewwel Artikolu tal-*

---

[2] Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), 22 ta' Ottubru, 2019.

*Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u l-esponenti jqisu li dak l-istess raġunament għandu jgħodd għal din il-kawża wkoll;*

11. *Illi bla ħsara għas-suespost, l-Ordni ta' ffriżar u qbid in diżamina ħarġu skond id-disposizzjonijiet tal-liġi u għal għan leġittimu li hija l-protezzjoni tas-soċjeta' in ġenerali. Illi r-rikorrent ma huwiex qiegħed isofri piż eċċessiv u sproporzjonat u dan anke tenut kont tal-ħsara li l-attivita' kriminali in kwistjoni tagħmel lis-soċjeta', l-interess ġenerali għandu jipprevali fuq dak tar-rikorrent li jiddisponi u/jew jagħmel użu mill-assi tiegħu;*

12. *Illi bla ħsara għas-suespost, il-preambolu (26) tad-Direttiva 2014/42/UE Tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attivita' kriminali fl-Unjoni Ewropea jipprovdi li:*

    *'Konfiska twassal għaċ-ċaħda definittiva minn proprjetà. Madankollu, il-preservazzjoni ta' proprjetà tista' tkun prerekwiżit għal konfiska u tista' tkun ta' importanza għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' konfiska. Proprjetà tiġi ppreservata permezz ta' ffriżar. Sabiex jiġi evitat li l-proprjetà tintefaq qabel toħroġ l-ordni ta' ffriżar l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu azzjoni immedjata biex jissalvagwardjaw tali proprjetà.'*

    *Filwaqt li l-artikolu 7.1 tal-imsemmija Direttiva jipprovdi li:*

    *'L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex ikunu jistgħu jiffriżaw proprjetà fid-dawl tal-possibbiltà li tiġi kkonfiskata sussegwentement. Dawk il-miżuri, li għandhom jiġu ordnati minn awtorità kompetenti, għandhom jinkludu azzjoni urġenti li għandha tittieħed fejn meħtieġ biex tiġi preservata l-proprjetà.'*

13. *Illi għandu jiġi mfakkar li r-reat ta' money laundering huwa uniku ħafna fis-sens li hemm inverżjoni tal-provi għal fuq l-akkużat jekk il-Prosekuzzjoni ġġib prova li l-akkużat ma jkun ta l-ebda spjegazzjoni raġonevoli għall-provenjenza tal-proprjetà. Hawn ukoll għalhekk, ma hemm ebda obbligu fuq il-Prosekuzzjoni biex tindika xi ammont preċiż ta' rikavat kif qed jippretendu r-rikorrent, iżda l-obbligu fuq il-Prosekuzzjoni huwa biss li turi kif il-fatti jindikaw li sar ħasil ta' flus;*

14. *Illi meqjus dan kollu għalhekk, lanqas ma seħħ ebda ksur tal-* ***Artikolu 6*** *tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali anke kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-****Artikolu 39*** *tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

15. *Illi sabiex tinstab leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-****artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea*** *u* ***l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni****, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalita' kollha tiegħu. F'dan il-każ partikolari, l-proċeduri quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali għadhom pendenti. Illi meta wieħed*

*jiġi biex jifhem kif japplikaw l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (Ara Kost. 4.8.1999 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Fenech vs. Avukat Ġenerali</u>** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213));*

16. *Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġudizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta;*

17. *Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrent irid jiġi ppruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriccuz u intiż biex jiżvantaġġjaħ fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-Liġi;*

18. *Illi bla ħsara għas-suespost, fir-rigward tat-tielet (3) talba u ċioe' fejn din l-Onorabbli Qorit intalbet sabiex tordna r-revoka tal-Ordni ta' Iffriżar maħruġ kontra r-rikorrent, l-esponenti iwiegħbu li din għandha tiġi miċħuda. F'każ li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li tilqa' din it-talba, dan ikun qiegħed ixekkel l-għanijiet li għalihom inħarġet l-Ordni ta' ffriżar u qbid;*

19. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2024, ir-rikorrent **Carmel sive Charles Attard** ippreżenta nota (fol 20) b'affidavit tiegħu stess (fol 21 u fol 22).

Rat illi fl-udjenza tal-24 t'April 2024, xehdet **Stephania Calafato Testa in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali** u ppreżentat żewġ dokumenti u *pen drive* (Dok SCT1 sa Dok SCT3, fol 30 sa fol 39). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrent li salv għal kopja legali ta' protest ġudizzjarju, ma kellux iktar provi x'jipproduċi.

Rat in-nota tar-rikorrent intavolata fil-21 ta' Mejju 2024 (fol 41) li permezz tiegħu ppreżenta kopja legali tal-protest ġudizzjarju minnu ppreżentat nhar l-1 ta' Marzu 2017 (fol 42 u fol 43).

Rat illi fl-udjenza tal-11 t'Ottubru 2024, id-difensur tal-intimati ddikjarat li qed jistrieħu fuq il-proċess esebit mir-Reġistratur tal-Qrati u li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2025 il-partijiet qabblu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent **Carmel Attard** jgħid li fl-aħħar kwart tas-sena 1999 kienu nbdew investigazzjonijiet dwar allegat ħasil ta' flus liema suspett kien inħareġ minn ittri rogatorji li kienu ġew mill-Italja.

Jispjega li hu fil-każ qatt ma kien l-attur prinċipali iżda kien likwidatur u għalhekk xogħolu kien ha jkun parti mill-professjoni tiegħu li jagħlaq il-kontijiet tal-bank, iħallas kredituri u jaħtar professjonist sabiex jagħmel ix-xoljiment.

Jgħid li l-proċeduri dwar l-istess każ bdew f'Settembru tas-sena 2006 quddiem il-Maġistrat Lawrence Quintano u minn hemm skattat l-Ordni tal-Iffriżar, liema ordni ġiet ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern mingħajr ammont u/jew dettal u li qatt ma ġiet notifikata lilu u lanqas ma kien magħruf liema assi kellhom jintlaqtu biha. Jispjega li hu konxju li minn dakinhar twaqqfu l-kontijiet bankarji tiegħu u għadu sa llum ma jistax jitħallas b'pagament fil-kont tal-bank. Isostni li dik kienet esperjenza trawmatika għalih speċjalment meta ma setax jaċċessa flus li kellu mfaddla sabiex isiefer u jopera lill-ibnu għall-kura tal-kanċer u kellu jissellef fuq l-idejn.

Jispjega li la l-att t'akkuża u lanqas l-ordni tal-iffriżar ma jindikaw is-somma ta' flus allegatament reċiklata u konsegwentament iffriżata.

Jgħid li fil-frattemp, la seta' jħallas lura l-flus mislufa fuq id-dar u lanqas il-karta ta' kreditu. Jgħid li l-kawża intirtet mill-Maġistrat Myriam Hayman li kkonċediet li jagħmel il-pagamenti li kien hemm bżonn fuq is-self għad-dar iżda mhux fuq il-karta ta' kreditu bil-konsegwenza li l-ammont illum tela' ħafna bl-imgħaxxijiet u ismu tħammeġ minħabba n-nuqqas ta' pagamenti.

Isostni li f'ħajtu kellu erba' stediniet sabiex jikkontesta l-elezzjonijiet parlamentari mal-partiti ewlenin bejn l-2008 u l-2017, iżda rrifjuta minħabba l-Ordni tal-Iffriżar. Jikkontendi li daqshekk kien kbir l-impatt fuq il-karriera tiegħu.

Jispjega li llum hu għalaq sittin (60) sena u wasal biex jirtira iżda m'għandux kont bankarju fejn jirċievi pensjoni u lanqas ma jista' jaċċessa l-poloz ta' assigurazzjoni li huwa għandu.

Jikkontendi li t-trawmiet li għaddej minnhom u d-danni ekonomiċi u psikoloġiċi ġew ikkawżati biss minħabba negliġenza ta' kif infetħet il-kawża fil-konfront tiegħu u li meta ma sabux provi flok ċedew il-kawża ħallewha abbandunata. Jispjega li l-kawża infetħet kontra erba' persuni u ċioe' l-accountant li allegatament ħaslet il-flus, il-maniġer tal-bank fejn inżammu l-flus, il-broker li

rċieva l-flus u r-rikorrent. Jgħid li l-maniġer tal-bank ilu mis-sena 2018 li ħareġ liberat.

Fix-xhieda tagħha **Stephania Calafato Testa in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali** tgħid li l-Kumpilazzjoni **Pulizija vs Carmel Attard et** ref: 1009/2006 bdiet fid-19 ta' Jannar 2007. Tgħid li kienet qed titmexxa kontra Alfred Calamatta, Maria Victoria Abela Marsala, Charles sive Charles Attard u Charles Vincent Vella Bonavia.

Tikkonferma li l-Ordni tal-Iffiriżar ħarġet fid-19 ta' Jannar 2007. Ix-xhud ippreżentat kopja tad-Digriet u kopja tal-gazzetta tal-Gvern li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Tispjega li preżentament il-proċess jinsab quddiem il-Maġistrat Victor Axiaq iżda ilu sine die. Ix-xhud ippreżentat kopja tal-proċess fl-intier tiegħu li l-Qorti ħadet konjizzjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mis-**<u>sottomissjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jibda billi jikkjarifika li l-lanjanza tiegħu tikkonċerna ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni mwettqa fil-kors tal-proċeduri **Il-Pulizija (Spt. Antonovich Muscat) vs Carmel sive Charles Attard** (1009/2006) kif ukoll ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Fir-rigward tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirreferi għad-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **David Marinelli vs Avukat Ġenerali** deċiża fit-3 ta' Lulju 2008, **Francis Theuma vs Avukat Ġenerali** deċiża fis-27 ta' Ġunju 2003 u **John A. Said pro et noe vs Avukat Ġenerali** deċiża fil-11 ta' Novembru 2011, dwar il-kriterji stabbiliti sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġonevoli jew le. Jelenka x'sar fil-proċeduri *de quo* mill-25 ta' Settembru 2006, meta ġie mressaq bl-akkuża, sa llum. Isostni li ċertament li d-dewmien ma jistax jiġi attribwit għar-rikorrent u dana stante li ma kellu ebda kontrol fuq id-dewmien li ħadu l-investigazzjonijiet, it-tmexxija tal-kumpilazzjoni, id-diversi assenjazzjonijiet u l-proċeduri istitwiti kontra l-ko-akkużati l-oħra. Jikkontendi li l-proċeduri ġew differiti *sine die* iktar minn sitt (6) snin ilu u lanqas protest ġudizzjarju min-naħa tiegħu ma kellu l-effett li l-leżjoni ma tkomplix titwettaq.

Jispjega li anke jekk l-każ kien wieħed kumpless, investigazzjoni li damet sejra mill-2001 sal-2006 għandha twassal biex il-proċeduri istitwiti jinstemgħu b'mod spedit, iżda jgħid li l-Avukat Ġenerali baqa' jinsisti fuq pluralita' ta' rinviji inkluż talbiet ta' ħatriet t'esperti u sabiex jiġi estiż it-terminu tal-Att ta' Akkuża.

Isostni li dan wassal sabiex ir-rikorrent ġarr piż mentali u effetti serji fuq il-karriera tiegħu, li għadu sa llum ma jistax jirkupra minnhom wara tlieta u għoxrin (23) sena f'dan l-istat. In sostenn ta' dan jirreferi għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Joseph Manuel Galea et vs Avukat Ġenerali** deċiża fil-15 ta' Mejju 2015.

Fir-rigward tad-Dritt għat-Tgawdija tal-Propjeta' jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Shorazova va Malta** deċiża fit-3 ta' Marzu 2022 u jgħid li t-trapass esaġerat u nġustifikat wasal sabiex kwalsiasi proporzjon li l-ordni ġġib magħha ntilef kompletament u kien biss bl-Att VI tas-sena 2024 li l-leġislatur offra xi forma ta' rimedju.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati **Avukat tal-Istat** u l-**Avukat Ġenerali** jibdew biex jgħidu li r-rikorrent għandu nuqqas ta' interess ġuridiku fil-proċeduri odjerni u dana stante li naqas milli jġib prova li nħarġitlu ordni tal-iffriżar abbażi tal-artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Isostni li anzi ġab prova li nħarġet ordni tal-iffriżar abbażi tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, li f'dak iż-żmien (2007) kien jagħti l-opportunita' lill-akkużati sabiex ibiddlu l-ordni ta' ffriżar. Jikkotendi li ġialadarba r-rikorrent ma ġab ebda prova tal-ordni tal-iffrizar abbażi tal-artikolu 23A tal-Kap 9 jirriżulta li hemm nuqqas ta' *victim status* u interess ġuridiku u t-talbiet ċertament ma jistgħux jintlaqgħu.

Isostnu li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li l-ilment jikkonċerna Ordni ta' iffriżar li nħareġ mill-Qorti.

Jikkontendu li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju disponibbli għalih u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Jispjegaw li r-rimedju ordinarju jikkonsisti fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 5(3) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ir-rikorrent kellu jedd li jikkontesta l-ħruġ tal-Ordni tal-Iffriżar u qbid permezz ta' talba għal tibdil tal-ordni. Jgħidu li filfatt ir-rikorrent intavola bosta rikorsi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hemm elenkati. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Graziella Attard vs l-**

**Avukat tal-Istat**, **Ramon Fenech vs Avukat tal-Istat** deċiża fil-25 t'Ottubru 2023, **Yorgen Fenech vs l-Avukat tal-Istat et** deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021 u **Joseph Lebrun vs l-Avukat Ġeneral et** deċiża fl-24 ta' Ġunju 2024. Isostni li mar-rikorrent tressqu imputati oħra li għamlu użu mill-istess rimedju u għalhekk kien nuqqas da parti tar-rikorrent li m'għamilx użu minnu u għalhekk il-Qorti għandha tieqaf hawn bl-istħarriġ tagħha.

Fil-mertu, jgħidu li n-neċessita' tal-Ordni ta' Iffriżar hija lampanti u dan b'referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Angelo Zahra vs Avukat Ġenerali** deċiża fit-22 t'Ottubru 2019. Isostnu li l-liġi attakkata hija konformi mad-Direttiva 2014/42/UE li tagħti s-setgħa lill-Istati Membri sabiex jieħdu dawk il-miżuri kawtelatorji li jiżguraw illi propjeta' tista' tiġi ffriżata sabiex tkun tista' tiġi konfiskata. L-iskop tal-ordnijiet tal-iffriżar huwa li tiżgura li fil-mument li tinħareġ, l-assi kollha tal-persuna jiġu sekwestrati u ma jsir ebda trasferiment tagħhom u b'hekk ir-rikavat assoċjat mar-reat ma jkunx jista' jinħeba, jitberbaq jew b'xi mod ma jkunx jista' jiġi rintraċċat – b'hekk dak li jkun ma jkunx jista' jgawdi l-frott tal-illegalitijiet imwettqa. Oltre minn hekk, jiġi żgurat li fl-eventwalita' li tinstab ħtija ikun jista' jiġi żgurat l-enfurzar tas-sentenza mogħtija. Isostnu li meta l-Prosekutur jagħmel talba għall-ħruġ ta' ordni tal-iffriżar dan ma jsirx kapriċċożament jew malizzjożament.

Fir-rigward tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea jgħidu li l-miżura hija leġittima, ġustifikata, proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurta' pubblika u dan sabiex jiġi evitat jew jitwaqqaf id-diżordni jew għemil kriminali u jiġi assigurat li flus li ġejjin minn reati ma jintużawx għall-benefiċċju ta' min jikkommetti l-istess reati. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Premier Leasing and Investments Company Limited vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża fis-6 ta' Frar 2015. Isostnu li wieħed jista' jitkellem fuq ksur tad-drittijiet u deprivazzjoni tat-tgawdija tal-propjeta' meta dak li jkun jiġi mneżża minn kull dritt li f'dan il-każ mhux. Jikkontendu li fis-sena 2007 il-Kap 373 permezz tal-Artikoli 5(1) sa (3) kien u għadu jagħti numru ta' rimedji u r-rikorrent naqas milli juri li dawn ir-rimedji ma kienux effettivi għall-għanijiet tiegħu.

Jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Benet Czech, spol. V. Ir-Repubblika Ċeka** deċiża fil-21 ta' Jannar 2011. F'dan il-kuntest, jispjegaw li ma hemm ebda dubju fir-rigward tal-legalita tal-ordni tal-iffriżar li hija riżultat tal-applikazzjoni tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Isegwi li l-għan leġittimu huwa interess ġenerali bi skop sabiex tiġi miġġielda l-kriminalita. Fir-rigward tal-proporzjonalita tal-azzjoni isostnu li dan inżammet meta jittieħdu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u dana stante li r-rikorrent għandu rimedju sabiex ivarja l-ordni tal-iffriżar. Jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti

Kostituzzjonali fl-ismijiet **George Tabone et vs l-Avukat Ġenerali** deċiża fil-5 t'Ottubru 2018. Isostnu li r-rikorrent ma ġab ebda prova sabiex juri kif l-ordni tal-iffriżar hija waħda sproporzjonata u jikkontendu li ma ġab ebda prova li turi kif fis-sustanza l-ordni tal-iffriżar laqtet ħajtu. Jirreferu wkoll għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Yorgen Fenech vs L-Avukat tal-Istat** deċiża fis-26 ta' Frar 2024, kif ukoll għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Angelo Zahra vs l-Avukat Ġenerali** deċiża fit-22 t'Ottubru 2019.

Fir-rigward tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jsostnu li dan mhuwiex applikabbli stante li ma hemm teħid totali tal-propjeta' mingħajr kumpens. Oltre minn hekk, ma hemm ebda leżjoni ai termini tas-Sub-Artikolu 2(h) tal-istess artikolu.

Fir-rigward tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ifakkru li d-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalita' tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Isostnu li f'dan il-każ il-proċeduri għadhom għaddejjin u għaldaqstant għadu wisq bikri biex ir-rikorrent jilmenta minn allegat ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Jikkontendi li ma kien hemm ebda dewmien inutli min-naħa tal-Qrati, isostni li l-volum tal-proċess jitkellem waħdu, u jinkludi ġbir ta' ħafna evidenza f'ħafna kumpanniji, ittri rogatorji mill-Italja kif ukoll bosta rikorsi u numru ta' seduti fejn ir-rikorrent ma deherx. Iżidu wkoll iż-żmien li l-Qorti kienet milquta mill-pandemija tal-COVID-19. Oltre minn hekk, jgħidu li r-rikorrent qatt ma ntavola rikors sabiex jiġbed l-attenzjoni tal-Qorti dwar dewmien u għalhekk din it-talba għandha tiġi miċħuda.

Isostnu li l-każ in kwistjoni ma kienx wieħed sempliċi kif qed ipinġih ir-rikorrent iżda kien fih aspetti kumplessi ta' traffikar ta' persuna kif ukoll ta' prostituzzjoni. Jispjegaw li x-xhud li x-xhieda tiegħu kkawżat id-dewmien kien wieħed essenzjali u dana stante li dan kien fil-fatt instab ħati tat-traffikar tal-persuni u l-allegazzjoni fil-konfront tar-rikorrent kienet li għenu minn ġol-korp biex jagħmel propju dan. Isostnu li fil-każ ta' Raymond Mifsud, kien hu stess li kkawża d-dewmien bir-riżultat li dam aktar il-każ tar-rikorrent. Jemfasizza li dan ix-xhud kien kruċjali partikolarment minħabba li inizzjalment ir-rikorrent kien għamel ammissjoni tal-fatti fl-intier tagħhom li wara irtiraha – jgħidu li kienet kruċjali li Raymond Mifsud jixhed dwar kellux għajnuna mir-rikorrenti jew le.

Dwar l-aġir tal-partijiet jgħidu li kien hemm diversi drabi meta r-rikorrent talab differimenti għal raġunijiet varji u dana anke qabel ma kienu qed jistennew l-eżitu tal-każ ta' Mifsud u ċioe' bejn l-2004 u l-2009 meta l-Avukat Ġenerali ressaq il-provi kollha tiegħu għajr għal dik ta' Mifsud.

Isostnu li anke jekk semmai hemm ksur m'għandux jingħata la danni materjali u lanqas morali u f'dan ir-rigward jirreferu għad-deċiżjoni b'referenza mal-proċeduri ta' **Il-Pulizija vs Patrick Pace** deċiża fil-31 ta' Jannar 2024 kif ukoll **Dr Cedric Mifsud noe vs l-Avukat Ġenerali** deċiża fid-9 ta' Ġunju 2024. Fir-rigward ta' danni monetarji jispjegaw li l-prinċipju hu li dan ma jingħatax f'dawn it-tipi ta' kawżi. In sosten ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni fl-ismijiet **John Said pro et noe vs l-Avukat Ġenerali** deċiża fil-11 ta' Novembru 2011. Oltre' minn hekk jissottomettu li l-prova miġjuba mir-rikorrent li kien sfurzat jirriżenja ġiet ribattuta mix-xhieda mressqa mill-intimati.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti l-fatti u wara li l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati:

**<u>Eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur</u>**

L-intimati, fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom, eċċepew li l-Avukat Ġenerali mhuwiex il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri.

L-intimati jsostnu li l-Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huwa l-Avukat tal-Istat li jirrappreżenta l-Gvern u għalhekk ma kienx hemm bżonn l-involviment tal-Avukat Ġenerali li huwa l-prosekutur.

Il-Qorti tosserva ukoll li r-rikorrent, oltre mid-dewmien fil-proċeduri mibdija fil-konfront tiegħu, qiegħed jattakka Ordni ta' Iffriżar maħruġa mill-Qorti fuq talba tal-istess Avukat Ġenerali bħala l-prosekutur ewlieni. Għalhekk huwa ċar, u bl-ebda mod kontradett mill-intimat Avukat Ġenerali innifisu, li l-istess Avukat Ġenerali kien parti intergrali mill-proċeduri kriminali u dana stante li bħala l-prosekutur ewlieni huwa propju hu li jmexxihom u li saħansitra għamel it-talba għall-Ordni tal-Iffriżar li ċertament li għandu interess li tibqa' fis-seħħ. La darba permezz ta' din il-proċedura qed jiġu attakkati l-istess proċeduri u partikolarment l-Ordni tal-Iffriżar, ċertament li l-Avukat Ġenerali għandu interess f'dawn il-proċeduri.

**Għalhekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati.**

**<u>L-interess ġuridiku/*victim status* tar-rikorrent</u>**

Għalkemm l-intimati ma qajmux l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' interess ġuridiku/ *victim status* tar-rikorrent, il-Qorti tinnota li għamlu aċċenn għaliha fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom u għalhekk jeħtieġ li tiġi indirizzata.

Fin-nota tagħhom isostnu li r-rikorrenti qiegħed jilmenta minn Ordni ta' Iffriżar li ħarġet abbażi tal-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda ma ġiex pruvat li huwa ħarġitlu Ordni ta' Iffriżar abbażi ta' dak l-artikolu, u allura jirriżulta li hemm nuqqas ta' *victim status* u interess ġuridiku.

Din il-Qorti fliet sew ir-rikors u t-talbiet tar-rikorrenti kif ukoll il-provi miġjuba. Il-Qorti tinnota li huwa minnu li l-Ordni ta' Iffriżar in kwistjoni nħarġet abbażi tal-artikolu 5(1) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan huwa evidenti mid-Digriet maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tad-19 ta' Jannar 2007 (kopja tagħha a fol 30) fejn huwa indikat b'mod ċar li l-Ordni tal-Iffriżar ħarġet abbażi tal-imsemmi artikolu.

Madanakollu, tinnota wkoll li fir-rikors promotur ir-rikorrent jirreferi propju għall-istess proċeduri li wasslu għall-Ordni ta' Iffriżar u jirreferi wkoll għad-data tad-Digriet tad-19 ta' Jannar 2007. Oltre minn hekk, fit-tielet talba tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti tannulla u tirrevoka '*l-ordni tal-iffriżar maħruġ fil-konfront tal-esponent konsegwenza tal-proċeduri kriminali istitwiti kontra tiegħu'.* Ma hemm l-ebda dubju f'moħħ din il-Qorti li l-proċeduri li qed jirreferi għalihom ir-rikorrent huma l-proċeduri fl-ismijiet **Pulizija (Sup. Alexandra Mamo/ Spt. Antonovitch Muscat) vs Calamata Alfred et** bir-referenza 1009/06.

**Għalhekk, din il-Qorti ser tkun qed tqis illi r-referenza għall-Artikolu 23A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta saret bi żball u għalhekk ser tqis kull referenza għall-istess artikolu bħala referenza għall-Artikolu 5 tal-Kap 373, u ser tqis li l-Ordni tal-Iffriżar in kwistjoni hija dik ordnata permezz tad-Digriet maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tad-19 ta' Jannar 2007 fil-proċeduri fuq ċitati bir-referenza 1009/06.**

## <u>Eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju</u>

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom, l-intimati jsostnu li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda intempestiva peress li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali a disposizzjoni tiegħu li huwa naqas milli jagħmel użu minnhom u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha u dana ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-intimati jispjegaw li r-rimedju ordinarju jikkonsisti fl-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 5(3) tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta'

Malta fejn ir-rikorrent kellu jedd li jikkontesta l-ħruġ tal-Ordni tal-Iffriżar u qbid permezz ta' talba għal tibdil tal-ordni. Jgħidu li fil-fatt ir-rikorrent intavola bosta rikorsi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hemm elenkati, u ċioe' ħames (5) rikorsi li saru bejn Diċembru 2014 u Mejju 2023, li lkoll ġew milqugħa. L-intimati jargumentaw li bħal ma saru dawn ir-rikorsi, ir-rikorrent seta' jagħmel talba sabiex tiġi mibdula l-ordni nnifisha.

Qabel xejn, il-Qorti tinnota li din l-eċċezzjoni ġiet mogħtija fil-kuntest tal-Ordni tal-Iffriżar mentri l-lanjanza tar-rikorrent ma tikkonċernax unikament l-Ordni tal-Iffriżar u l-effetti tagħha, iżda tikkonċerna wkoll id-dewmien fil-proċeduri *de quo*. B'hekk din il-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni tal-intempestivita' biss fir-rigward tal-Ordni tal-Iffriżar u ser titratta l-lanjanza tad-dewmien fil-proċeduri b'mod separat.

<u>Dan ifisser li din il-Qorti ser tqis din l-eċċezzjoni vis-a-vis l-allegata leżjoni tar-rikorrenti ai termini ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u mhux fir-rigward tal-Artikolu 6(1) tal-Kovenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.</u>

Il-Qorti tibda billi tosserva l-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Kif ukoll l-*proviso* għall-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 li jistipula s-segwenti:

> *Iżda l-qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur*

*allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi ordinarja oħra.*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 ta' April 2013 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

*"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*

*"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*

*a. Meta hu ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*

*b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) talKostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

*……*

*Fil-kawża fl-ismijiet "Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[3] b'referenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

*"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi*

[3] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005

> *ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[4]
>
> *"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[5]
>
> *"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[6]
>
> *"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[7].

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ir-rikorrenti kellhux a dispożizzjoni tiegħu rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel Hl jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjetà tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[8]:

> *"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u talartikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

---

[4] **Dr Mario Vella vs. Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 7 ta' Marzu 1994
[5] **Lawrence Cuschieri vs. Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 6 ta' April 1995
[6] **Stephen Falzon vs. Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Civili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deċiża 14 ta' Frar 2002
[7] **Domenico Savio Spiteri vs. Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deċiża 31 ta' Mejju 2000
[8] Rik 40/10

Għalhekk jeħtieġ li din il-Qorti tikkunsidra jekk l-Artikolu 5 tal-Kap 373 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdix rimedju li hu aċċessibli, xieraq, effettiv u effikaċi għal-lanjanzi tar-rikorrent.

**L-Artikolu 5 tal-Kap 373**, qabel ġie sostitwit permezz tal-Att VI tal-2024 kien jgħid is-segwenti:

> *5.(1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –*
>
> *(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetà tiegħu, u*
>
> *b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:*
>
> *Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta' ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjali li jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħu jitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikun hemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija u sitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (13,976.24) fis-sena:*
>
> *Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –*
>
> *(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u*
>
> *(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*
>
> *(2) Dak l-ordni għandu*
>
> *(a) jibda jseħħ u jorbot lit-terzi persuni kollha immedjatament malli jsir, u d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż dwaru jiġi pubblikat mingħajr dewmien fil-Gazzetta, u għandu jieħu ħsieb ukoll li kopja tiegħu tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku dwar proprjetà immobbli, u*
>
> *(b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konkluživ, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*

*(3) Il-qorti tista' f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli ta' qabel għandhom japplikaw għal dak l-ordni kif hekk mibdul.*

*(5) Meta xi flus ikunu jew isiru dovuti lill-akkużat mingħand xi persuna fil-waqt li dak l-ordni jkun fis-seħħ, dawk il-flus għandhom, sakemm ma jkunx ordnat xort'oħra f'dak l-ordni, jiġu depożitati f'bank għall-kreditu tal-akkużat.*

*(6) Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2), d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra firReġistru Pubbliku nota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni.*

*(7) Meta l-qorti ma tipproċedix minnufih sabiex tagħmel ordni kif mitlub taħt is-subartikolu (1), il-qorti għandha minnufih tagħmel ordni temporanja ta' ffriżar li jkollha listess effett ta' ordni magħmula taħt dan l-artikolu, liema ordni temporanja għandha tibqa' fis-seħħ sa dak iż-żmien li l-qorti tagħmel l-ordni meħtieġa mill-imsemmi artikolu.*

*(8) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talba magħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (1), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmel l-ordni meħtieġa u ddispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom mutatis mutandis japplikaw għall-ordni magħmula mill-Qorti Kriminali taħt dan issubartikolu daqslikieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt issubartikolu (1). L-ordni temporanja ta' ffriżar magħmula taħt issubartikolu (7) għandha tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.*

*(9) L-akkużat jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol middata ta'meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (7), jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata millQorti Kriminali.*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Yorgen Fenech vs Avukat tal-Istat** deċiża fis-26 ta' Frar 2024 fejn rigward l-Artikolu 5 tal-Kap 373, il-Qorti qalet is-segwenti:

*ii.L-Art. 5 jagħmilha ċara li ordni bħal dik għandha tinħareġ fuq talba tal-prosekuzzjoni. Ordni ta' ffriżar li tkun tolqot il-ġid kollu tal-akkużat, bl-eċċezzjoni ta' €13,976.24 fis-sena.*

*iii. L-ordni tal-iffriżar tibqa' fis-seħħ għat-tul tal-proċeduri u f'każ ta' sejbien ta' ħtija sakemm is-sentenza tiġi eżegwita (Art. 5(2)(b) tal-Kap. 373), sakemm ma titħassarx mill-Qorti Kriminali.*

*iv. Skont Art. 5(9) tal-Kap. 373 u l-Art. 23A(5) tal-Kodiċi Kriminali, lakkużat jista' fi żmien tlitt ijiem tax-xogħol minn ħruġ tal-ordni, jitlob lill-Qorti Kriminali tordna r-revoka ta' dik l-ordni. Wara dak iż-żmien, m'hemmx dispożizzjoni oħra li tagħti lill-akkużat l-opportunitá li jitlob għar-revoka ta' dik l-ordni. Li jista' jitlob hi l-varjazzjoni tal-ordni minħabba tibdil partikolari fiċ-ċirkostanzi, u f'dak il-każ dak li jiddisponu sub-inċiż (1) u (2) tal-Art. 5 jibqa' fis-seħħ għall-ordni kif mibdula.*

Magħruf dan l-insenjament, il-Qorti tosserva li fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent isostni li għandu kont ta' karta ta' kreditu li baqa' ma setax iħallsu u b'hekk dan baqa' dejjem jogħla bl-interessi, iżda tinnota wkoll li ma ta ebda prova ta' dan. Madanakollu, din il-Qorti kellha l-opportunita' li tara l-proċess *de quo* fl-intier tiegħu u jirriżulta li r-rikorrent fit-18 t'Ottubru 2013 kien intavola rikors dwar dan il-mertu u permezz tad-digriet tad-9 t'April 2014 (fol 757), il-Qorti kienet laqgħet it-talba għall-ħlas tas-self tad-dar u `aħdet it-talba għall-ħlas tal-bilanċ fuq il-karta ta' kreditu stante li dan kien kreditu għas-sena 2013. F'dan ir-rigward din il-Qorti tfakkar li dak li jfisser li wieħed ikollu rimedju għad-disponibilita' tiegħu hu li jkun hemm rimedju li wieħed jista' jirrikorri għalih u mhux li neċessarjament l-eżitu ikun favurih.

L-ilment l-ieħor tar-rikorrent jikkonċerna poloz ta' assigurazzjoni li ma jistgħux jitħallsu minħabba l-Ordni ta' Iffriżar. Għal darb'oħra r-rikorrent ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' dan, iżda minkejja dan, din il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ir-rikorrent m'għandux jagħmel din it-talba quddiem il-Qorti idoneja stante li taqa' fil-parametri tal-Artikolu 5, speċjalment meta jirriżulta illi talbiet simili magħmula mir-rikorrent ġew milqugħa.

Il-Qorti tinnota li r-rikorrenti ressaq ilmenti oħra fl-affidavit tiegħu dwar l-effetti li kellha l-Ordni tal-Iffriżar fuq ir-reputazzjoni tiegħu, li għal darb'oħra ma ġew bl-ebda mod sostnuti, iżda tqis li ladarba d-dewmien fit-tneħħija tal-Ordni tal-Iffriżar hu marbut intrinsikament mad-dewmien fil-proċeduri nnifishom, ser tkun qed tqishom mal-ilment rigward id-dewmien fil-proċeduri *de quo*.

Il-Qorti tkompli biex tosserva dan li ingħad fil-kawża fuq ċitata fl-ismijiet **Yorgen Fenech vs l-Avukat tal-Istat** fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet:

> *Dan iktar u iktar meta l-liġi diġá tipprovdi proċedura sabiex l-attur jitlob lill-Qorti biex tvarja l-ordni ta' l-iffriżar. Fil-fehma ta' din il-Qorti id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti li "f'ċirkostanzi partikolari tibdel dak l-ordni" (Art. 5(3) tal-Kap. 373), hi wiesa' biżżejjed biex tintlaħaq dik il-proporzjonalitá li hemm bżonn bejn l-interess ġenerali u l-jedd tal-attur, u dan iktar u iktar meta tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ in eżami.*
>
> *F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza* ***George Tabone v. L-Avukat Ġenerali*** *tal-5 ta' Ottubru 2018 li fiha din il-Qorti qalet hekk dwar ir-rimedju taħt l-Art. 5(1) tal-Kap. 373:*
>
> *"16.Din id-disposizzjoni tal-liġi toħloq bilanċ bejn l-interess pubbliku li jinħolqu miżuri biex, min-naħa l-waħda, min ikun ħati ta' reat ma jiħux benefiċċju mill-att ta' delinkwenza, u biex, min-naħa l-oħra, il-persuna akkużata – sa issa meqjusa innoċenti – ma ġġarabx ħsara u tbatija safejn dawn jistgħu jiġu evitati bla ma jiddgħajjef il-għan li l-liġi trid tilħaq bil-ħruġ ta' ordni ta' sekwestru.*
>
> *...........*
>
> *....... l-ħruġ tal-ordni li jolqot il-flejjes u l-proprjetà kollha tal-akkużat ma huwiex miżura sproporzjonata għax fih innifsu hemm il-mekkaniżmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arġinati biex ma joħolqux ħsara u tbatija żejda lill-akkużat, mingħajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilità ta' miżura bħal dik fil-ġlieda kontra d-delinkwenza u kontra l-ħasil ta' flus ġejjin mid-delinkwenza".*

B'hekk din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid ma' dan l-insenjament, għajr li tagħmlu tagħha.

**Għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tilqa' limitatament it-tieni eċċezzjoni tal-intimati Avukat Ġenerali u Avukat tal-Istat u tiddeklina milli teżerċita s-setgħet Kostituzzjonali tagħha limitatament kif fuq spjegat u tgħaddi biex tiċħad it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent stante li kellu u għad għandu għad-disposizzjoni tiegħu rimedju ordinarju aċċessibli, xieraq, effettiv u effikaċi.**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Permezz tal-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara illi huwa mhux qed jiġi mogħti smiegħ xieraq bi ksur tal-Artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana stante d-dewmien fil-proċeduri tiegħu.

Qabel xejn din il-Qorti tinnota li l-każ *de quo* għadu pendenti u f'ċirkostanzi normali l-Qorti trid tqis il-każ fit-totalita' tiegħu, iżda meta l-Qorti tkun affaċċjata b'każ li ilu pendenti għall-aħħar sbatax (17)-il sena, f'liema żmien ir-rikorrent kien u għadu milqut b'Ordni t'Iffriżar, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li t-trapass taż-żmien huwa minnu nnifsu wieħed esaġerat u għalhekk mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-każ, għandha tindaga dwar jekk tali dewmien hux ġustifikabbli jew le.

L-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**, jipprovdi s-segwenti:

> ***39***.*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għalsmigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunalindipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandhatingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi esklużmill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetàdemokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajjaprivata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożamentmeħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċitàtista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjusli jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijietminimi li ġejjin:*
>
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontratiegħu;*
> *(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjonitad-difiża tiegħu;*

*(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta'assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk majkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali,din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*
*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontratiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhiedafavur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhiedakontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva dak li qalet il-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Boddaert v Belgium** deċiża fit-22 ta' Settembru 1992, fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*36. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined with reference to the criteria laid down in the Court's case-law and in the light of the circumstances of the case, which in this instance call for an overall assessment.*

*-Ommissis-*

*39. Article 6 (art. 6) commands that judicial proceedings be expeditious, but it also lays down the more general principle of the proper administration of justice. In the circumstances of the case, the conduct of the authorities was consistent with the fair balance which has to be struck between the various aspects of this fundamental requirement.*

*40. In conclusion, the Court finds no violation of Article 6 para. 1 (art. 6-1).*

Fl-isfond ta' dan l-insenjament, huwa paċifiku jingħad li d-dritt tas-smigħ xieraq irid ikun evalwat fit-totalita' tal-proċeduri u li l-fatturi li primarjament għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi determinat jekk is-smigħ eċċediex il-parametri ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli huma l-kumplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir l-awtorita' ġudizzjarja.

Magħruf dan, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina l-fatti tal-każ odjern.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Attard et** bir-referenza 1009/2006 li sa llum għadu pendenti.

Jirriżulta li l-imsemmija proċeduri bdew b'taħrika tal-Pulizija datata l-25 ta' Settembru 2006 u l-ewwel seduta kienet fid-19 ta' Jannar 2007, f'liema seduta nħarġet l-Ordni ta' Iffirżar u l-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda u ppreżentat numru ta' dokumenti, flimkien mal-proċess verbal li kien jikkonsisti f'sitt (6) kaxxi.

Fis-7 ta' Marzu 2007 inħatar espert sabiex jittranskrivi t-*tapes* li ġew ippreżentati fl-ewwel seduta. Il-Maġistrat Lawrence Quintano kien żamm seduti regolari sal-25 ta' Ġunju 2010, state li mbagħad ġie elevat għal kariga ta' Imħallef. F'dawn is-seduti nstemgħu diversi xhieda u ġew prodotti dokumenti volumużi fosthom tmintax (18)-il kaxxa fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2010.

Fil-5 t'Awwissu 2010, il-kumpilazzjoni tkompliet quddiem il-Maġistrat Myriam Hayman, u fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2011 irriżulta li d-difiża, fosthom ir-rikorrent stess, talbet li <u>l-provi jinstemgħu mill-ġdid</u>. Fil-frattempt fit-2 ta' Marzu 2012, l-Avukat Ġenerali talab li tnejn mill-imputati, mhux ir-rikorrent, jitressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fil-11 ta' Settembru 2012, il-Qorti caħdet it-talba li tisma' l-provi mill-ġdid u li terġa tinfetaħ il-kwistjoni tal-*prima facie*. Minn hemm il-kawża nstemgħet b'mod regolari u tressqu diversi xhieda sal-11 ta' Ġunju 2015 meta l-Maġistrat Myriam Hayman ġiet elevata għal kariga ta' Imħallef.

Il-każ ġie assenjat lill-Maġistrat Neville Camilleri u fl-4 ta' Mejju 2016, huwa ċaħad it-talba tal-imputati l-oħra li jinstemgħu l-provi mill-ġdid u sema' l-kawża sakemm fit-18 t'Awwissu 2018, irrikuża ruħu għal raġunijiet permessi mil-liġi. Sadanittant ġew prodotti u saret traduzzjoni tal-ittri rogatorji.

Minn dakinhar sa llum qatt rega' ma ssejjaħ il-każ. L-unika riżultanzi wara li l-Maġistrat (illum Imħallef) Neville Camilleri rrikuża ruħu kienu tliet rikorsi tar-rikorrent bejn l-2021 u l-2023 sabiex jiġu awtorizzati bejgħ ta' propjeta', liema rikorsi ġew dekretati mill-Maġistrat Victor Axiaq.

Magħrufa l-fatti l-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina t-tlett fatturi fuq elenkati li l-Qorti trid tqis fl-evalwazzjoni tagħha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

*Il-kumplessita' tal-każ*

Il-Qorti jirriżultalha li ċertament li l-każ *de quo* huwa wieħed kumpless li jirrigwarda ħasil ta' flus u filfatt jinvolvi numru sostanzjali ta' xhieda kif ukoll ta' dokumenti voluminużi (fosthom diversi kaxxi li tul iż-żmien bdew jinfetħu u jsir inventarju tagħhom). Oltre minn hekk jinvolvi wkoll dokumentazzjoni u ittri rogatorji partikolarment mill-Italja liema dokumenti riedu wkoll jiġu tradotti.

**B'hekk ċertament hemm dewmien li huwa attribwit għall-kumplessita' tal-każ u parzjalment ġustifikat b'dan, iżda limitatament sakemm il-każ kien qed jinstema' b'mod regolari u x-xhieda kienet qed tiġi prodotta. Il-Qorti tifhem li f'każijiet bħal dawn il-Qorti tirrikjedi wkoll l-assistenza ta' numru t'esperti u għalhekk il-proċeduri li diġa' huma voluminużi minnhom nfushom ikomplu jittawlu. Il-Qorti tqis li dan huwa ġustifikat sakemm qed isir ix-xogħol.**

*L-imġieba tal-Qorti*

F'dan il-każ, ma jistax jingħad illi l-każ minnu nnifsu mhux kumpless, u jkompli jikkumplika ruħu bil-fatt li nbidlu diversi ġudikanti u għalhekk din il-Qorti trid tikkunsidra l-imġieba tal-Qrati differenti. Il-Qorti tinnota li fil-każ tal-ewwel tliet Maġistrati sedenti, is-seduti kienu miżmuma b'mod regolari u dejjem kien hemm aċċenn għall-importanza li jitressqu l-provi. Kien hemm ftit dewmien minħabba talbiet mill-partijiet li l-provi jinstemgħu mill-ġdid, iżda dan ċertament li mhux attribwibbli lill-Qrati, li wara kollox irrifjutaw l-istess talbiet.

Madanakollu jirriżulta illi mis-sena 2018 sa llum f'dan il-każ qatt ma nżammet seduta.

Mid-depożizzjoni ta' Stephania Calafato Testa li xehdet in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali jirrizulta illi kien hemm nuqqas fis-sistema tal-Qorti u jirriżulta illi ma kienx baqa' traċċa ċara tal-kawza, tant illi filwaqt illi l-kawża kienet għadha tidher fis-sistema li qed tinstema' mill-Maġistrat Francesco Depasquale (minkejja l-elevazzjoni tiegħu għal Qrati Superjuri), ma kinitx qed tidher fil-lista ta' kawża tal-Magistrat Victor Axiaq. Minkejja dan, ix-xhud tgħid:

> *Umbagħad meta ċempilt kellimt id-deputata qaltli iva li din ilha naqra għandna id-deputat tal-Magistrat Victor Axiaq Yezenia Pace.*

Fil-fatt mill-atti jirriżulta, kif ser jiġi amplifikat aktar il-quddiem illi wara d-diġriet tal-Maġistrat Neville Camilleri tat-18 ta' Ottubru 2018 ma nżammet ebda seduta, pero' ġew trattati u determinati xejn anqas minn erba' rikors tar-

rikorrent hemmhekk imputat. Id-domanda għal din il-Qorti allura tqum waħedha – u seduti għaliex ma nżammux?

**Għalhekk din il-Qorti tqis li d-dewmien da parti tal-Qorti, partikolarment mill-2018 'l quddiem ma kienx wieħed ġustifikat u għalhekk f'dan is-sens issib leżjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti bl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

*L-imġieba tal-partijiet*

Stabbilit illi kien hemm dewmien mhux ġustifikat mill-Qorti, din il-Qorti ssib pero' ukoll illi kien hemm nuqqasijiet ukoll da parti tar-rikorrenti illi ċertament ma jistax jingħad illi ma kkontribwewx għad-dewmien.

Il-Qorti tosserva li fil-ġbir tal-provi, il-Pulizija u l-Avukat Ġenerali għamlu l-parti tagħhom u ma jistax jingħad li kien hemm dewmien mhux ġustifikat f'dan ir-rigward. L-istess jingħad dwar ir-rikorrent u l-imputati l-oħra li fejn kien hemm il-bżonn ikkooperaw u attendaw għall-maġġor parti tas-seduti.

Naturalment, il-fatt li l-Qorti ma żammitx seduti ma jistax jiġi attribwit lill-partijiet kompletament. Iżda, din il-Qorti ma tistax ma tosservax il-fatt li ħadd mill-partijiet ma talab lill-Qorti sabiex tkompli tinstema' l-kumpilazzjoni.

Mit-traskrizzjoni ta' l-istess depożizzjoni ta' Stefania Calafato Testa jirriżulta illi d-difensur tar-rikorrent stqarr hekk :

> *Biex inkun onest ir-risq skoprejna għaliex qabel ma ftaħna din il-kawza jiena u Franklin bdejn naghmlu dan l-ezerciżżju biex nifhmu fejn hu dan il-proċess, fil-fatt issa ħa nġibu l-prova, fil-fatt skattajnija permezz ta' protest ġudizzjarju li għidna isma' we want to finish u bis-saħħa tal-protest ġudizzjarju kontra r-registratur bdejn nfittxu.*

Il-Qorti trid tistqarr illi tinsab ftit konfuża b'din id-dikjarazzjoni.

Jirriżulta illi filwaqt illi saret din l-istqarrija da parti tad-difensur tar-rikorrent, fis-sens illi hu u r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali (Franklin) ingaġġaw fi proċess ta' tiftix biex jiġi determinat fejn kien il-proċess tal-kawża, liema tiftix beda' "*bis-saħħa tal-protest ġudizzjarju kontra r-registratur bdejna infittxu*" – b'dana kollu mill-protest ġudizzjarju esebit (fol 42) jirriżulta illi dan kien ppreżentat fl-1 ta' Marzu 2017, mentri d-digriet tal-Maġistrat Neville Camilleri illi biħ astjena milli jkompli jisma' l-każ u bagħat l-atti għand ir-Reġistratur sabiex il-kawża tiġi assenjata quddiem ġudikant ieħor (il-mument illi jidher illi l-proċess intilef

minn fuq ir-radar tas-sistema tal-Qorti) ngħata fit-18 ta' Ottubru 2018. Li allura jfisser illi meta sar il-protest giudizzjarju, il-proċess kriminali kien għadu miexi b'mod regolari quddiem il-Magistrat Camilleri u kwindi kien ben magħruf fejn u quddiem min kienet qed tinstema' l-kumplizzjoni.

Aktar minn hekk pero', il-Qorti tqis illi mill-atti atti jirrizulta illi wara d-digriet tat-18 ta' Ottubru 2018 hemm biss atti, konsistenti f'rikorsi esklussivament tar-rikorrenti. Sar wieħed fil-15 ta' Frar 2021 (fol 938), ieħor fil-15 ta' Mejju 2023 (fol 950), ieħor fit-12 ta' Mejju 2023 (fol 976) u finalment ieħor fis-17 ta' Mejju 2023 (fol 997) – u f'kull każ hemm indikat mir-rikorrent stess isem il-Maġistrat Victor Axiaq. Aktar minn hekk, kull rikors, ppreżentati kollha qabel il-ftuħ ta' dawn il-proċeduri, kienu degretati u kull digriet jirriżulta illi kien mibgħut lid-difensur tar-rikorrent b'mezzi elettroniċi mid-Deputat tal-imsemmi Maġistrat, il-fuq imsemmija Yesenia Pace.

Il-Qorti għalhekk ftit tifhem kif (a) qed jingħad illi ma kienx magħruf fejn u quddiem min kien qiegħed il-proċess tal-każ u kellha ssir tfittxija, (b) ġaladarba kemm ir-rikorrenti, qua imputat, u kif ukoll il-prosekuzzjoni kienet konxja ta' fejn kien il-proċess (għaliex kważi għal kull rikors wieġeb l-Avukat Ġenerali) – kif u għaliex ma saret ebda talba mill-partijiet jew min minnhom sabiex ikompli s-smigħ tal-kawza u (c) għaliex, ġaladarba il-Qorti kif preseduta kellha viżibilita' tal-proċess, ma nżammet ebda seduta għal dan iż-żmien kollu.

Mill-atti, ma jirriżulta illi hemm xejn li jista' jagħti ħjiel jew spjega ta' x'ġara lill-proċeduri u għaliex dawn baqgħu weqfin minkejja dan kollu sollevat u għalhekk din il-Qorti ċertament li ssib dan l-atteġġjament mhux aċċettabbli u ma tista' bl-ebda mod tifhem għaliex dan seħħ, biex imbagħad ninsabu f'dawn l-odjerni proċeduri.

**Għalhekk ċertament li din il-Qorti ser issib li flimkien mal-imġieba tar-rikorrenti stess li kkontribwiet għad-dewmien fil-proċeduri, l-imġieba tal-Qrati u tal-Prosekuzzjoni kienet waħda mhux ġustifikata u kkawżat leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Magħdud dan kollu, għalhekk din il-Qorti tqis li d-dewmien fil-kumpilazzjoni *de quo* bl-ebda mod mhu ġustifikat, iżda għal finijiet ta' kumpens/danni li għad trid tiddetermina, il-Qorti ser tqis fost oħrajn (i) l-inerzja tar-rikorrent innifsu milli jieħu ażżjoni kif fuq premess, (ii) l-istess atteġġjament tal-prosekuzzjoni, (iii) il-fatt illi r-rikorrent qatt ma kien kostrett fil-liberta' tiegħu stante li jirriżulta illi qatt ma ġie detenut fil-ħabs, (iv) il-fatt illi saru talbiet u kien hemm diversi okkażjonijiet fejn ġew akkolti tali talbiet għal varjazzjonijiet tal-ordni tal-iffriżar,

(v) in-nuqqas ta' provi mressqa mir-rikorrenti fuq l-allegazzjonijiet tiegħu u (vi) it-tort imputabbli lill-Qorti għad-dewmien.

Wara li l-Qorti qieset il-fatturi kollha li ssemmew f'din is-sentenza, u ulterjorment illi ma nġiebu ebda provi dwar telf u/jew danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, il-Qorti ser tillikwida s-somma ta' elf Ewro (€1,000) f'kumpens non-pekunjarju.

Oltre minn hekk, din il-Qorti ser tkun qed tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u tordna lilu u lill-intimat Avukat Ġenerali sabiex jagħmlu dak kollu fil-poter tagħhom sabiex jaraw li l-każ *de quo* jitpoġġa lura fil-lista għat-tkomplija tas-smigħ mingħajr aktar dewmien. Ser tordna finalment illi kopja ta' din is-sentenza tiġi nserita in atti Kumpilazzjoni Nru. 1009/2006 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Carmel Attard et*.

**GĦALDAQSTANT**, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta` u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li **tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati konformament ma' dak hawn fuq deċiż**, tgħaddi biex tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti:

1. **Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li t-trapass taż-żmien u d-dewmien esaġerat u rraġonevoli li qed jittieħed sabiex jinstemgħu l-proċeduri jammonta għal-leżjoni tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif provdut fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

2. **Tiċħad it-tieni u t-tielet talba** għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija.

3. **Tilqa' r-raba' talba** u tillikwida s-somma ta' elf Ewro (€1,000) f'danni non-pekunjarji.

4. **Tilqa' l-ħames talba** u tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien u in solidum bejniethom iħallsu lir-rikorrent is-somma ta' elf Ewro (€1,000) kif hawn fuq deċiż.

5. **Tilqa' s-sitt talba** fis-sens illi tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u tordnalu illi jinserixxi kopja legali ta' din is-sentenza fl-atti tal-kumpilazzjoni hawn taħt imsemmija u tordna lill-Avukat Ġenerali sabiex jagħmel dak kollu li hemm bżonn (mingħajr preġudizzju għad-dritt tar-rikorrent illi jressaq rikors hu) sabiex il-kumpilazzjoni

quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Carmel Attard et" bir-referenza 1009/2006 terġa' titqiegħed fuq il-lista tas-smigħ tal-kawżi sabiex is-smigħ tagħha jitkompla mingħajr aktar dewmien.

In vista taċ-ċirkostanzi partikolarli tal-każ, il-Qorti qed tordna illi kull parti tħallas l-ispejjeż u d-drittijiet tagħha relattivi għal dawn il-proċeduri.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**